**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 13 ta' Marzu, 2024**

**Mandat Nru: 373/2024/1 AF**

**Elizabeth Cassar**

**vs**

**Segretarju Permanenti ghall-Ministeru ghas-Sahha u Anzjanità Attiva**

**Kap Ezekuttiv tal-Isptar Mater Dei Celia Falzon**

**Direttur Mediku Joseph Debono**

**u**

**Tabib Ewlieni tal-Gvern (CMO) Walter Busuttil**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Elizabeth Cassar, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija, talbet lil din il-Qorti zzomm lill-intimati milli b'xi mod jimplimentaw il-lista ta' allokazzjonijiet ("*Teams – 1st March 2024 – 1st September 2024*) fir-rigward tal-*Higher Specialist Trainees (HST)* ippubblikata u/jew ccirkolata fis-26 ta' Jannar 2024 u emendata fit-28 ta' Frar 2024 u jew b'xi mod ikomplu bil-process ta' rotazzjonijiet tal-*Higher Specialist Trainees (HST)* fid-Dipartiment tal-*Orthopaedics, Trauma and Sports Medicine* u dan stante li r-rikorrenti hija l-unika tabiba minn dawk fil-kategorija ta' tahrig li f'din ir-rotazzjoni ma gietx allokata *elective list* mal-*Clinical Supervisor* taghha, ghad-differenza tat-*trainees* l-ohra u dan ghad-detriment tat-tahrig taghna, sakemm din l-anomalija tigi ndirizzata fit-*teams*.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet taghha li permezz tieghu din il-Qorti ordnat in-notifika b'jumejn ghat-twegiba u ffissat ir-rikors ghas-smiegh ghas-6 ta' Marzu 2024.

Rat ir-risposta tal-intimati u d-dokumenti maghha annessi.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors li thalla sabiex jigi degretat *in camera*.

Rat l-Art. 873 tal-Kap. 12 u l-gurisprudenza relatata.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-procedura, Dr. Elizabeth Cassar trid izzomm lill-intimati dirigenti tas-Servizz Mediku ta' Malta milli jimplimentaw dik li tissejjah "*rotation*" u cioè l-assenjazzjoni ta' tobba fil-process tat-tahrig tal-ispecjalizzazzjoni ma' konsulenti fl-ispecjalità, f'dan il-kaz *Orthopaedics, Trauma & Sports Medicine*. Ir-rikorrenti tokkupa l-kariga ta' *Higher Specialist Trainee*. Hija tilmenta illi l-assenjazzjonijiet li gew moghtija lilha huma ta' detriment ghall-kors tal-ispecjalizzazzjoni taghha. Jirrizulta illi hija giet assenjata mal-Konsulent Sharon Zammit bhala l-*Clinical*

*Supervisor* taghha filwaqt li ntaghzlet tattendi "*elective list*" ta' operazzjonijiet ma' konsulent differenti cioè Ryan Giordimaina.

Din il-Qorti tibda biex tenfasizza li t-talba tar-rikorrenti biex twaqqaf ir-*rotation* ma setghet qatt tigi ragonevolment milqugha minn din il-Qorti, indipendentement mill-validità *o meno* tal-ilment taghha. L-iffrizar tar-*rotation* minnha mitluba kienet tfisser l-ipparalizzar totali fid-Dipartiment tal-Ortopedija. Dan hu totalment indesiderat u sproporzjonat.

Madanakollu, bl-inkluzjoni ta' Dr. Elizabeth Cassar bhala *Higher Specialist Trainee*, l-intimati assumew l-obbligu fil-konfront taghha li jipprovdulha tahrig bl-ahjar mod possibbli. Fil-fehma konsiderata ferm ta' din il-Qorti ma jidhirx li dan l-obbligu qieghed jigi rispettat totalment. Konsulent li jkollu addett mieghu *Higher Specialist Trainee* fis-sala tal-operazzjonijiet biss ma' jkunx jista' serenament jinkariga lill-istess *Higher Specialist Trainee* bil-funzjonijiet soliti mghoddija lill-*Higher Specialist Trainee* ghaliex ma jkunx a konoxxenza totali tal-livell ta' "*expertise*" li jkun lahaq il-*Higher Specialist Trainee*. Ghalhekk l-esperjenza li jista' jakkwista t-*trainee* tista' tigi serjament imxekkla, partikolarment meta wiehed iqis li *Higher Specialist Trainee* obbligat skond protokolli stabbiliti formalment illi jesegwixxi numru ta' assistenzi f'interventi varji sabiex jimxi 'l quddiem fit-tahrig.

L-intimati ghandhom izommu quddiem ghajnejhom mhux biss illi ghandhom fuq spallejhom ir-responsabbilità tal-karriera ta' kirurgu u l-kwalità tas-servizz moghti lill-pazjent li jigi bzonn is-servizzi tad-dipartiment, izda wkoll ir-reputazzjoni ottima, anki internazzjonali, li jgawdu minnha il-programmi ta' specjalizzazzjoni fl-isptar Mater Dei.

Il-Qorti tittama bis-shih li din is-sitwazzjoni spjacevoli mhijiex frott ta' xi piki personali bejn karattri difficli. Jekk dan huwa l-kaz imbaghad, is-sistema ta' tahrig ghandha tgawdi minn servizz ta' medjazzjoni formalizzat biex ikunu jistghu jigu rizolti problemi ta' din ix-xorta minghajr htiega tal-Qrati.

Il-Qorti tifhem l-ilment tar-rikorrenti, però mandat ta' inibizzjoni li qeghda titlob hi mhuwiex is-soluzzjoni ghaqlija mixtieqa.

F'dawn ic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' Dr. Elizabeth Cassar ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kif mitlub.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

IMHALLEF